**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 12 ta' Jannar 2022

Rikors Numru: 151/2021/2 AL

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taz-Zwieġ bin-Numru Progressiv 1385/2015)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi A B ta' nhar it-23 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet zzewġu fit-12 ta' Lulju 2015 u min dan iz-zwieg kellhom tifel bl-isem ta' D B li ghadu minorenni;*

[1] Fol. 2.

2. *Illi mill-imsemmija data taz-zwieġ tagħhom bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 1316(1) tal-Kodiċi Ċivili;*

3. *Illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa u huma qed jghixu hajja separati minn xulxin u dan minhabba l-vizzju tad-droga u l-karattru vjolenti tal-konvenut;*

4. *Illi l-partijiet ilhom separate de facto minn Ottubru tal-2019 u llum il-gurnata sahansitra bieghu d-dar matrimonjali taghhom. Illi l-esponenti tixtieq tibni hajja ghal rasha izda dan ma jstghax isehh stante li ghad hemm il-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet;*

5. *Illi tali terminazzjoni tal-istess Komunjoni tal-Akkwisti għandu jġib benefiċċju in kwantu mhux biss jevita li l-ebda parti ma tagħmel dejn li tiġi attribwita lill-Komunjoni, kif filfatt kien anke jiġri fil-passat izda ukoll tkun tgħin sabiex l-esponenti tirriakkwista d-dritt illi tagħmel l-atti kollha tal-ħajja ċivili u kummerċjali u dan mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens u jew approvazzjoni jew l-intervent tal-parti l-oħra;*

6. *Illi l-esponenti titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-ġudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili, b'dan illi m'hu se jinħoloq l-ebda preġudizzju mhux proporzjonat għall-konvenut. Illi filfatt tali pregudizzju ser jinħoloq jekk il-Komunjoni tal-Akkwisti tibqa' ezistenti bejn il-partijiet;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili;*

2. *Tawtorizza lill-partijiet sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.*

Rat ir-risposta tal-konvenut C B ta' nhar is-6 ta' Lulju 2021,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi l-eċċipjent għadu mhux notifikat bir-rikors ġuramentat li jidher li ġie pprezentat fil-konfront tiegħu u fl-atti ta' liema ġie pprezentat dan ir-rikors.*

2. *Illi ghalhekk l-eċċipjent qiegħed jirrizerva l-pozizzjoni tiegħu fir-rigward tal-mertu tal-kawza u anki tar-rikors odjern wara li jkun notifikat bir-rikors ġuramentat u jkun f'pozizzjoni li jqis, jizen u jirrispondi t-talbiet hemm magħmula mill-attriċi.*

3. *Illi dan qed jingħad anki fid-dawl tal-allegazzjonijiet fiergħa u vessatorji li saru anki fil-kuntest ta' sempliċi rikors għat-terminazzjoni tal-akkwisti – liema allegazzjonijiet huma emfatikament kontestati.*

4. *Illi f'kull kaz l-esponent qiegħed f'dan l-istadju joġġezzjona li tiġi mwaqqfa l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.*

5. *Illi tali oġġezzjoni hija msejsa fuq il-fatt li tali talba qiegħda ssir fi stadju wisq bikri tal-proċeduri, fejn l-eċċipjent għadu lanqas biss notifikat bir-rikors ġuramentat (aħseb u ara kemm bdew jinstemgħu l-provi) u fejn għalhekk l-esponent għad ma kellux il-fakulta la li jirrispondi għat-talbiet fil-mertu u wisq anqas li jġib l-evidenza meħtieġa sabiex jagħti stampa sħia u ċara tal-attiv u l-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti.*

6. *Illi l-esponenti bil-wisq jibza li l-mument li l-attriċi jkollha l-liberta li tiddisponi mill-ġid tagħha u dak ġia formanti mill-komunjoni tal-akkwisti, jkun bil-wisq aktar diffiċli għall-esponent li jillikwida l-istess u jġib il-prova ta' dak li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti sal-mument li din ġiet mwaqqfa.*

7. *Illi dan qed jingħad anki fil-kuntest tal-fatt li l-esponent għandu kreditu parafernali sostanjali kontra l-attriċi fir-rigward ta' diversi ħlasijiet li saru minnu a benefiċċju tad-dar matrimonjali kif ukoll a benefiċċju tal-istess attriċi sa minn qabel iz-zwieġ. Tali ħlasijiet saru b'mod partikolari versu l-ħlas ta' self li ttieħed fuq l-istess dar matrimonjali, sabiex ġew minfuqa*

[2] Fol. 5.

*diversi spejjez relatati mal-akkwist tagħha u sabiex saru numru ta' benefikati sostanzjali.*

8. *Illi għalhekk ser ikun fl-interess tal-eċċipjent li jkun f'qagħda li jikkawtela l-pozizzjoni tiegħu billi jġib il-prova ta' tali ħlasijiet u benefikati, b'dan li ma jkun hemm ebda ostakolu f'dan ir-rigward – u dan anki ai finijiet tal-enfurzar tl-istess kreditu.*

9. *Illi lil hinn minn dan l-eċċipjent qiegħed wkoll joġġezzjona għat-talba billi huwa ovvju li l-iskop tal-attriċi huwa li tikseb dak li trid billi tottjeni l-liberta' kollha li taġixxi mingħajr obbligi lejn il-komunjoni, u dan filwaqt li imbagħad tħalli lill-eċċipjent jippazzika b'dawn il-proċeduri waħdu.*

10. *Illi fl-aħħar, kemm-il darba tintlaqa' t-talba tal-attriċi għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti hija ser tkun ukoll f'pozizzjoni li tiddisponi minn ġidha kollu, u dan bi preġudizzju serju għall-eċċipjent f'kaz li jkollu jenforza l-krediti parafernali tiegħu kontra l-assi tal-istess attriċi.*

*Għaldaqstant l-eċċipjent umilment u riverentement iqis li t-talba ta' A B għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi miċħuda, u dan slav kwalsiasi provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors promotur rigward is-separazzjoni personali tal-partijiet nhar is-16 ta' Lulju 2021, madanakollu ma ġiet ipprezentata l-ebda risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi proċedurali;

Rat id-digriet datat 10 ta' Settembru 2021, fejn il-Qorti pprovdiet lill-konvenut il-fakolta' li, jekk ikun il-kaz, jipprezenta risposta ulterjuri fir-rigward tar-rikors odjern, u dan in vista tal-fatt li fir-risposta tiegħu tas-6 ta' Lulju 2021 għar-rikors tal-attriċi rigward it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti huwa rrizerva l-pozizzjoni tiegħu wara li jkun notifikat bir-rikors promotur;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[3]

[3] Fol. 16.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

***1. L-Azzjoni Odjerna:***

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-attriċi A B sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, hekk kif l-attriċi tallega illi *"tali terminazzjoni tal-istess Komunjoni tal-Akkwisti għandu jġib benefiċċju (...) b'dan illi m'hu se jinħoloq l-ebda preġudizzju mhux proporzjonat għall-konvenut"*.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut joġġezzjona għal din it-talba fejn in sintenzi jgħid illi *"tali oġġezzjoni hija msejsa fuq il-fatt li tali talba qiegħda ssir fi stadju wisq bikri tal-proċeduri, fejn l-eċċipjent għadu lanqas biss notifikat bir-rikors ġuramentat (aħseb u ara kemm bdew jinstemgħu l-provi) u fejn għalhekk l-esponent għad ma kellux il-fakulta la li jirrispondi għat-talbiet fil-mertu u wisq anqas li jġib l-evidenza meħtieġa sabiex tagħti stampa sħiħa u ċara tal-attiv u l-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti"*. Magħdud ma' dan l-konvenut joġġezzjona ukoll hekk kif fil-fehma tiegħu *"l-iskop tal-attriċi huwa li tikseb dak li trid billi tottjeni l-liberta' kollha li taġixxi mingħajr obbligi lejn il-komunjoni (...) (u) tiddisponi minn ġidha kollu, u dan bi preġudizzju serju għall-eċċipjent f'kaz li jkollu jenforza l-krediti parafernali tiegħu kontra l-assi tal-istess attriċi"*.

***2. Prinċipji Legali:***

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull zmien matul is-smiegħ tal-kawza ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sintezi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[4] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[5] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[6] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

### 3. *Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*

[4] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[5] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[6] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiz 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha tezamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawza. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel dan l-ezerċizzju.

Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-argumenti mressqa mill-konvenut sabiex joġġezzjona għat-talba tal-attriċi għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huma tnejn (2) u ċjoe':

(i) Tali talba saret fi stadju bikri tal-proċeduri, in vista tal-fatt li meta ġie pprezentat ir-rikors odjern il-konvenut kien għadu ma ġiex debitament notifikat bir-rikors promotur għas-separazzjoni personali, u għaldaqstant il-provi għadhom ma bdewx jinġabru. Fid-dawl ta' dan, il-konvenut huwa tal-fehma li ma kellux il-fakulta' li jressaq evidenza sabiex jagħti stampa sħiħa u ċara ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, b'mod partikolari rigward il-krediti parafernali kontra l-attriċi, liema krediti saru a benefiċċju tad-dar matrimonjali u kif ukoll għall-attriċi nnifisha; u,

(ii) F'kaz li l-Qorti tilqa' t-talba kif dedotta, l-attriċi ser tiġi rinfaċċjata b'numru ta' problemi: (a) diffikulta' li jressaq il-prova ta' dak li jifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti, (b) diffikulta' li jillikwida dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u (ċ) l-attriċi ser tkun f'pozizzjoni li tiddisponi minn ġidha. Għaldaqstant il-konvenut jikkontendi illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li fid-deċizjoni tagħha l-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-attriċi u dan salv kwalsiasi provvediment ieħor li l-Qorti jidrilha xieraq u opportune fiċ-ċirkostanzi.

<u>Fir-rigward tal-kwistjoni li talba ta' din in-natura saret b'mod prematur hekk kif il-konvenut għadu ma ġiex debitament notifikat bir-rikors promotur,</u> il-Qorti tara li din il-kwistjoni ġiet sorvolata hekk kif il-konvenut ingħata d-dritt li jipprezenta risposta ulterjuri għar-rikors odjern, u dan wara li ġie debitament notifikat bir-rikors promotur.

<u>Fir-rigward tal-kwistjoni li talba ta' din in-natura saret b'mod prematur hekk kif għadhom ma bdewx jitresqu provi dwar dak li jappartjeni r-reġim viġenti bejn il-partijiet u b'hekk hemm nuqqas ta' rendikont dwar l-istess</u>, il-Qorti tibda billi

tisottolineja illi t-talba in kwistjoni ma saritx b'mod prematur. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Etienne Hayman vs Amanda Hayman**,[7] ġie ribadit illi: *"Ma hemm l-ebda dubju li l-kawza għall-firda personali għadha fi stadju bikri sew, madanakollu dan l-istat ta' fatt ma għandux iwaqqaf lil xi parti milli titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi tali talba tista' ssir "f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda" mingħajr ma ssir distinzjoni jekk tali talba għandhiex issir fil-bidu nett, f'nofs il-proceduri waqt l-istadju tal-ġbir tal-provi, jew fi tmiem tagħhom"*. Fil-kaz odjern jirrizulta ċar illi t-talba tal-konvenut saret matul is-smigħ tal-kawza tal-firda personali u ċjoe' wara l-avviz tas-smigħ fejn il-kawza tqiegħdet fil-lista għall-ewwel seduta. Għaldaqstant ma hemm l-ebda dubju illi t-talba saret skont l-intendiment tal-leġizlatur u fil-parametri tal-liġi, u l-fatt li għadhom ma bdewx jitressqu l-provi ma jfissirx illi dik il-parti interessata għandha tkun prekluza milli tressaq talba ta' din in-natura.

Magħdud mal-premess u fi kwalunkwe kaz il-Qorti tfakkar illi *"s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien"* - liema insenjament ġie riċentament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**. L-istess ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, fejn ingħad illi *"l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien"*.[8]

Fid-dawl tal-insenjament surreferit, il-Qorti ma tarax illi l-oġġezzjoni tal-konvenut hija valida u l-preġudizzju vvantat minnu huwa altru milli wieħed li jippreġudika l-pozizzjoni tiegħu. Għalkemm f'dan l-istadju tal-kawza il-partijiet għadhom ma bdewx iressqu l-provi tagħhom u *dato ma non concesso* li l-Qorti tilqa' t-talba tal-attriċi kif dedotta, l-konvenut xorta waħda ser jibqalu dak id-dritt li jressaq kull xhud jew dokument rigward l-assi u dejn li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti sal-mument li din tibqa' viġenti, liema assi u dejn għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza finali tagħha

[7] Deċiza mill-Qorti tal-Familja, nhar it-22 ta' April 2021, (Rik. Nru. 225/2020/2AL), mhux appellata.
[8] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.

għal fini ta' likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-istess lill-partijiet in kwistjoni. Dan għandu japplika ukoll fir-rigward ta' kull dejn u krediti parafernali li jistgħu jezistu, hekk kif fi kwalunkwe kaz l-konvenut għandu dejjem il-fakolta' li jressaq il-provi tiegħu dwar l-istess u f'kaz li jiġi ppruvat li dawn verament jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, il-Qorti tgħaddi sabiex tgħati l-ġudizzju tagħha dwarhom fis-sentenza finali tagħha.

Għaldaqstant, wieħed irid izomm f'moħħu illi meta si tratta l-materja in kwistjoni, ma hemmx lok li ssir lamentela dwar in-nuqqas ta' kjarezza dwar dak li sal-prezent jistabbilixxi l-komunjoni tal-akkwisti għaliex l-elenku jew in-nuqqas tiegħu ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni huwa estranju għall-proċeduri in dizamina.

Fir-rigward <u>tad-diffikulta' li jista' jiltaqa' magħhom il-konvenut f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi</u>, u ċjoe': (i) id-diffikulta' li jressaq il-prova ta' dak li jifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti, (ii) id-diffikulta' li jillikwida dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u (iii) l-attriċi ser tkun f'pozizzjoni li tiddisponi minn ġidha, il-Qorti tevalwa illi dawn l-insinwazzjonijiet in ġenerali ma ġewx minimament ippruvati mill-konvenut. Il-Qorti tibda sabiex tinnota illi l-konvenut mhux talli ma ressaq l-ebda prova, talli addirittura lanqas biss ittenta jispjega għaliex u kif ser jiġi rinfaċċjat bid-diffikulta' li jressaq il-provi ta' dak kollu li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll ferm stramb kif il-konvenut jallega illi ser issofri minn preġudizzju sproporzjonat stante li mhux ser ikun f'pozizzjoni li jillikwida l-komunjoni tal-akkwisti, meta huwa ben ovvju illi l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma ssirx mill-partijiet izda mill-Qorti nnifisha u dan proprju fis-sentenza finali. Fl-aħħar nett il-Qorti tirrimarka ukoll illi fir-rigward tal-allegazzjoni tal-konvenut li l-attriċi ser tiddisponi minn ġidha, il-Qorti tirriafferma illi jekk tintlaqa' it-talba tal-attriċi u nonostante l-aġir tal-attriċi nnifisha, fi kwalunkwe kaz l-konvenut għandu d-dritt li jissalvagwardja l-interessi tiegħu bir-rimedji kawtelatorji disponibbli għalih fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan is-sens il-Qorti tara opportun illi tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**,[9] fejn f'dan il-kuntest ġie ribadit illi *"Barra minnhekk il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taht it-Titolu VI intestat "Fuq l-Atti Kawtelatorji" jaghti rimedji legali sabiex il-partijiet*

[9] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.

*jiehdu l-mizuri biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom vis-à-vis il-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-konvenuta dejjem ghandha dawn ir-rimedji kawtelatorji biex tissalvagwardja sehemha mill-assi tal-komunjoni".* Għaldaqstant il-Qorti tissottolineja illi f'kaz li l-konvenut jidhirlu li għandu jissalvagwardja l-interessi tiegħu, dan għandu jagħmlu b'rimedji *ad hoc* u m'għandux jinqeda bil-proċedura tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sabiex jagħmel dan. Finalment il-Qorti tfakkar ukoll illi hija marbuta b'dak li tiddisponi l-leġizlazzjoni nostrana u marbuta ukoll illi tiddeċiedi fil-parametri tat-talbiet mressqa quddiemha.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-konvenut ressaq dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi huwa verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'kaz li jitwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[10] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".* Il-Qorti tara li l-attriċi kkontendiet li l-partijiet ilhom separate *de facto* minn xulxin minn Ottubru 2019, liema verzjoni ma ġietx kontradetta mill-konvenut. Dan il-perjodu ma jistgħax jiġi definit bħala perjodu twil ħafna. Madanakollu u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, ma jidhirx għal din il-Qorti illi hemm possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet anzi jidher li l-ħajja mizzewġa ta' bejn il-partijiet spiċċat definittivament, fejn il-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin. Għaldaqstant, il-Qorti ma tarax li l-partijiet għandhom ikomplu jibbenefikaw mill-frott tal-ħidma ta' xulxin u fin-nuqqas ta' prova ta' preġudizzju sproporzjonat ma jidhirx li t-talbiet kif dedotti m'għandhomx jiġi milqugħa.

Il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbazi ta' dak dikjarat mill-attriċi fir-rikors odjern, ser tkun ta' benefiċċju għaz-zewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi ebda mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli ttella' l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi

[10] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.

sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tiġi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha. Il-Qorti tirrienfasizza li *"il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"* u dan kif ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**.[11] Dak li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, għad irid jiġi deċiż, likwidat u assenjat mill-Qorti fid-deċizjoni finali tagħha wara l-ġbir tal-provi kollha.

**DEĊIDE:**

GĦALDAQSTANT u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi tilqa' t-talba ta' A B u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni; tordna ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiz 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjez ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.

[11] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ottubru 2015.